**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 26 ta' Gunju, 2018**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 260/2017**

**Emanuel Camilleri**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tal-24 ta' Marzu, 2017 li jghid hekk:
2.
Illi b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) moghtija fid-29 ta' Settembru 2016 (Rikors Kostituzzjonali Numru 50/2013JRM) gie dikjarat illi s-sentenzi li bihom huwa kien instab hati tar-reati dedotti kontra tieghu huma nulli u bla effett u li huwa garrab il-piena bhala rizultat ta' sejbien ta' htija bbazat fuq xiehda falza.

Illi bhalissa l-kawza tinsab pendenti fi stadju ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

Illi konsegwentement u 'ex lege' ir-rikorrent sofra ksur tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

Illi gie ppruvat konkluzivament illi kien hemm nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-Qrati fil-kaz tieghu minhabba xiehda falza.

Illi l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-ligijiet jipprovdi regoli specjali applikabbli fir-rigward tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi, assolutament minghajr pregudizzju ghall-kumpens massimu stabilit mil-ligi, li huwa fi hsiebu jikkontesta, ir-rikorrent irid jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghal persuni li jinstabu hatja meta jkunu innocenti.

Illi stante li l-ligi tipprovdi li ghandu jsir rikors fi zmien sitt xhur mid-data tat-thassir tas-sejbien ta' htija jew mid-data tal-mahfra, ir-rikorrent qed jipprezenta l-prezenti rikors ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi sabiex huwa jinghata kumpens peress li huwa garrab il-piena bhala rizultat ta' sejbien ta' htija bbazat fuq xiehda dikjarata mill-Qrati li kienet xiehda falza. Dan kollu qed isir minghajr ebda pregudizzju wkoll ghar-Rikors Kostituzzjonali Numru 50/2013 li gie istitwit wara s-sejbien ta' htija u s-sentenza konfermatorja moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.

Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jippremetti illi gie ppruvat konkluzivament illi kien hemm nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-Qrati fil-kaz tieghu minhabba xiehda falza moghtija minn bintu Leanne Camilleri u minn martu Lisa May Camilleri, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hlas ta' kumpens lilu ghat-tbatija li garrab hu, flimkien mal-membri tal-familja tieghu, b'rizultat tas-sentenza li kienet tammonta ghal "wrongful conviction".

Rat ir-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxi l-intempestivita tal-azzjoni odjerna stante li s-sentenza kostituzzjonali fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja (rikors kostituzzjonali numru 50/2013) li fuqha qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu r-rikorrenti ma tikkostitwix res judicata u dan kif ex admissis ir-rikorrent stess jippremetti li hemm appell pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;

2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' applikabbilita tal-Artikolu 4A tal-Kap. 319 u dan stante li dan l-artikolu japplika f'dawk il-kazijiet eccezzjonali meta l-Qrati tal-Appell Kriminali jkollha gurisdizzjoni li tisma appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali minkejja li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tkun saret finali u fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali thassar is-sejbien ta' htja;

3. Illi fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda.

4. Illi l-esponenti jecepixxi li prekondizzjonijiet imposti mit-tielet artikolu tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja mhumiex sodisfatti;

5. Illi l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 hija azzjoni specjali mahsuba sabiex tikkreja l-mekkanizmu fil-ligi domestika li jhares l-Artikolu 3 tas-seba' Protokoll. Madankollu dana l-artikolu ma ghandux applikazzjoni separata izda necessarjament jimponi li individwu jkun instab hati liema htija tkun ghaddiet in gudikat u sussegwentement is-sejbien ta' htija tigi rivertita mill-istess Qrati li jkunu sabu tali htija;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjoni li s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ma tikkostitwix gudikat, ir-rikorrenti ma jistax jistrieh fuq is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili odjerna u dan stante li f'dik is-sentenza fl-ebda stadju ma nstabet li kien hemm wrongful conviction;

7. Illi prezentement ir-rikorrenti jinstab skarcerat abbazi ta' interim measure li kienet inharget fil-kors tal-proceduri kriminali izda certament li r-rikorrenti ma jistax jargumenta li jinstab skarcerat minhabba xi sejbien ta' wrongful conviction;

8. Illi in oltre, ir-rikorrenti tramite l-proceduri kostituzzjonali surriferiti diga talab li jinghata kumpens monetarju ghall-allegata lezjoni subita minnu naxxenti mill-istess fatti li fuqhom qieghed jibbaza t-talba tieghu u li fis-sentenza taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) dik l-Onorabbli Qorti cahdet tali talba. Illi certament li l-procedura mahsuba fl-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex mahsuba sabiex isservi ta' talba ta' rizerva sabiex individwu jerga' jirriproni talba li Qorti ohra tkun cahditlu;

9. Illi jsegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikorrent ressaq il-proceduri odjerni a tenur tal-Artikolu 4A tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jitlob kumpens ghall-hlas ta' tbatija li garrab minhabba nuqqas ta' gustizzja maghmula fil-konfront tieghu rizultat ta' sentenza li tammonta ghal *wrongful conviction* wara xhieda falza moghtija minn bintu Leanne Camilleri u minn martu Lisa May Camilleri.

L-intimat Avukat Generali fir-risposta tieghu ressaq diversi eccezzjonijiet, fosthom (i) l-intempestivita tal-azzjoni stante li fil-mument li giet intavolata din il-kawza, kien ghad hemm pendenti l-kawza kostituzzjonali li fuqha jsejjes din l-azzjoni; (ii) in-nuqqas ta' applikabbilita tal-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) li t-talba tar-rikorrenti hija fil-mertu nfondata fil-fatt u fid-dritt; (iv) li prekondizzjonijiet imposti mit-tielet artikolu tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja mhumiex sodisfatti; (v) li l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 hija azzjoni specjali mahsuba sabiex tikkreja l-mekkanizmu fil-ligi domestika li jhares l-Artikolu 3 tas-seba' Protokoll, izda m'ghandux applikazzjoni separata u jimponi li individwu jkun instab hati liema htija tkun ghaddiet in gudikat u sussegwentement is-sejbien ta' htija tigi rivertita mill-istess

Qrati li jkunu sabu tali htija; (vi) ir-rikorrenti ma jistax jistrieh fuq is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) stante li f'dik is-sentenza fl-ebda stadju ma nstabet li kien hemm *wrongful conviction;* (vii) ghalkemm ir-rikorrenti jinsab fil-prezent skarcerat, dan mhux minhabba sejbien ta' *wrongful conviction;* (viii) ir-rikorrenti diga talab li jinghata kumpens monetarju ghall-allegata lezjoni subita minnu naxxenti mill-istess fatti li fuqhom qieghed jibbaza t-talba tieghu, liema talba giet michuda fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), kwindi l-procedura mahsuba fl-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex mahsuba sabiex isservi ta' talba ta' rizerva sabiex individwu jerga' jirriproni talba li Qorti ohra tkun cahditlu; u (ix) t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Avukat Generali, skont il-verbal ta' din il-Qorti tat-22 ta' Marzu, 2018.

**Fatti**

Ir-rikorrent kien akkuzat talli fis-sena 2002 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu u bi ksur tal-istess dizposizzjoni tal-ligi a) b'ghemil zieni kkorrompa lil bintu minuri; b) minghajr ordni skont il-ligi tal-Awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess bintu minuri kontra l-volonta` taghha sabiex bhala mara igeghilha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha; c) ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' bintu minuri.

Permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 203, 207, 86, 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-akkuzat hati u wara li rat ukoll l-artikoli 17 u 18 tal-istess Kapitolu, kkundannatu ghal piena karcerarja ta' 24 xahar u kkundannatu wkoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali ghas-somma ta' €640.75 a bazi tal-artikolu 533 tal-imsemmi Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fost ix-xhieda li wasslet ghall-kundanna tar-rikorrent, kien hemm dik ta' bintu, li allegatament kienet il-vittma.

Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li bih talab lil dik il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla kemm is-sentenza appellata kif ukoll id-digriet appellat u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena skont il-ligi. Izda permezz tas-sentenza taghha tat-2 ta' Mejju, 2013 (Dok. AG1 a fol. 72 et seq. tal process), il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeciediet il-kawza billi:

> 265. Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad l-aggravju tal-appellant bid-diversi sottomissjonijiet li hemm fih, qed tichad ukoll l-appell mid-digriet tas-27 ta' Lulju 2011 li bih il-Qorti tal-Magistrati kienet ordnat l-isfliz tad-dokument anness mar-rikors tal-imputat tas-27 ta' Gunju 2011, ghaliex il-Qorti tal-Magistrati kellha kull dritt li tirregola xi provi taccetta jew le u ma jirrizultax li kien hemm cirkostanzi straordinarji biex din il-Qorti tbiddel dik id-decizjoni jew digriet, qed tichad li terga' tinstema' bhala xhud f'dan l-istadju tal-proceduri Dr Stephanie Galea ghax assolutament ma kienx hemm raguni valida dato c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fatt li din diga' xehdet u dak li kellha tghid dwar x'qal Omissis 2 ma kienx ser ikollu influwenza fuq id-decizjoni ahharija, u qed tichad it-talba tal-appellant ghar-revoka, it-thassir u l-annullament tas-sentenza msemmija kif ukoll it-talba ghal-liberazzjoni tal-esponent minn kull imputazzjoni, htija u piena skont il-ligi u qed tikkonferma s-sentenza moghtija fid-29 ta' Settembru 2011 fl-intier taghha. Qed tordna li isem l-appellant jitpogga fuq il-lista ta' pedofili ai termini tal-Kap. 518.

Wara dik is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, r-rikorrent effettivament ittiehed il-habs fejn qatta' 397 gurnata l-habs. Huwa jistqarr li bata hafna peress li dan ma kienx l-ambjent tieghu u sofra hafna minhabba l-firda mill-membri tal-familja tieghu (affidavit a fol. 89 tal-process).

Fil-11 ta' Lulju, 2013, ir-rikorrent ressaq rikors kostituzzjonali (50/2013) quddiem din il-Qorti, diversament preseduta li permezz tieghu sostna li (i) huwa ma kellux smigh xieraq kif imhares bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u ghalhekk talab li jigi ordnat li l-proceduri kriminali li saru fil-konfront tieghu jiksru l-garanziji mahsuba fl-imsemmi artikolu u jigu dikjarati li ma jiswewx; (ii) huwa garrab ksur tad-dritt tieghu ghall-hajja personali u ghall-hajja tal-familja kif imharsa taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni; (iii) it-Tieni Skeda tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri tikser il-jeddijiet fundamentali tieghu, b'mod partikolari l-jedd imhares bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni; (iv) ghandu jigi ordnat t-thassir ta' ismu minn fuq ir-Registru msemmi fl-imsemmi Att; u (v) ghandu jigi ordnat il-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu; (vi) kif ukoll talab l-ispejjez.

Fil-mori tal-proceduri kostituzzjonali, r-rikorrent ressaq talba sabiex issir inkjesta dwar gurament falz. Waqt l-inkjesta, t-tifla tar-rikorrent rtirat ix-xhieda li kienet tat fil-proceduri kriminali, li wasslet sabiex il-pulizija ressqet lil bint ir-rikorrent b'diversi akkuzi fosthom talli tat xhieda falza fil-konfront tar-rikorrent. Permezz ta' sentenza (a fol. 104 et seq. tal process) li nghatat fit-18 ta' Settembru, 2014, mill-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (kumpilazzjoni numru 665/2014 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Leanne Camilleri), bint ir-rikorrent instabet hatja talli tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt fil-konfront ta' Emanuel Camilleri; talli tat xhieda falza f'materja civili u talli halfet il-falz quddiem il-Magistrat, Imhallef jew ufficjal iehor bis-setgha li jaghti gurament (ghal fatti li sehhew mis-7 ta' Jannar, 2008 'il quddiem). Wara dik is-sentenza tressaq appell mill-Avukat Generali, izda permezz ta' sentenza (a fol. 91 et seq. tal-process) tal-20 ta' Lulju, 2015, il-Qorti tal-Appell Kriminali (appell nru. 363/2014 -ismijiet Il-Pulizija vs Leanne Camilleri), cahad l-appell tal-Avukat Generali u kkonferma s-sentenza appellata.

Permezz tas-sentenza taghha tad-29 ta' Settembru, 2016, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha ddecidiet il-kawza billi:
(i) cahdet l-ewwel talba attrici billi ma ntweriex li r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq kif imhares bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni; izda ghall-finijiet tal-istess talba sabet, li minhabba cirkostanzi li graw wara l-ghoti tas-sentenzi li dwarhom ilmenta r-rikorrent, sabet li kien hemm ragunijiet tajbin bizzejjed biex, dik il-Qorti nqdiet bis-setghat moghtijin lilha mill-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex hassret ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi s-sentenzi moghtijin mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru, 2011, u kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-2 ta' Mejju, 2013, fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spett. Louise Calleja) vs Emanuel Camilleri u dan minhabba li s-sejbien ta' htija kien imsejjes fuq xhieda li ma kenitx minnha u liema fatt jinstab stabilit ukoll minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru, 2014, li ghaddiet in gudikat; (ii) laqghet t-tieni talba attrici biss safejn kompatibbli mal-premess, imma cahditha ghall-bqija; (iii) cahdet it-tielet talba attrici billi mhix misthoqqa fil-fatt u fid-dritt; (iv) dwar ir-raba' talba attrici ddikjarat li safejn ir-registrazzjoni ta' isem ir-rikorrent fuq ir-Registru tal-Pedofili kienet

l-effett tas-sentenzi moghtijin fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, tali registrazzjoni kellha titnehha konsegwenza tat-thassir tal-imsemmija sentenzi; (v) cahdet il-hames talba attrici billi ma ntweriex li l-ebda wiehed mill-intimati u lanqas l-imsejjah fil-kawza ma jmisshom ihallsu xi kumpens lir-rikorrent minhabba ghemilhom, bla hsara ghal kull azzjoni spettanti lill-istess rikorrent ghar-risarciment ta' danni kontra terzi taht proceduri ohrajn xierqa; u (vi) ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Minn din l-ahhar sentenza appellaw kemm ir-rikorrent permezz ta' appell principali, kif ukoll l-Avukat Generali permezz ta' appell incidentali. Permezz ta' sentenza tad-9 ta' Ottubru, 2017 (a fol. 23 et seq. tal-process), il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet il-kawza billi cahdet kemm l-appell principali, kif ukoll dak incidentali.

**L-intempestivita tal-azzjoni stante li fil-mument li giet intavolata din il-kawza, kien ghad hemm pendenti l-kawza kostituzzjonali li fuqha jsejjes din l-azzjoni**

Huwa minnu li r-rikors promotur in ezami kien intavolat fl-24 ta' Marzu, 2017, filwaqt li l-kawza kostituzzjonali giet finalment deciza fid-9 t'Ottubru, 2017 jigifieri l-azzjoni odjerna saret qabel ma gew konkluzi l-proceduri kostituzzjonali b'mod definittiv. Madankollu, kif gustament rilevat fin-nota ta'sottomissjonijiet tal-Avukat Generali, ladarba l-proceduri kostituzzjonali gew konkluzi definittivament fil-mori ta' dawn il-proceduri, ghandu japplika l-principju tal-*jus superveniens.* Dan il-principju jahseb sabiex jigi evitat li jintemmu proceduri li mbaghad ikollhom jergghu jibdew, meta dawk il-proceduri jistghu jigu salvati bil-*jus superveniens.* Kif osservat din il-Qorti, diversament preseduta fis-27 ta' Jannar, 2016, fl-ismijiet **Charmaine Degiorgio vs Joseph Sare'**:

> l-Qrati taghna, matul is-snin li ghaddew, kellhom okkazjoni jiddikjaraw illi t-teorija tal-jus superveniens giet dejjem applikata mill-Qrati taghna ghall-kazijiet meta, minghajr ma tbiddel id-domanda sew ghall-oggett jew ghall-kawza, ghalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni, izda dak id-dritt minnu mitlub jigi jsehh fil-mori tal-gudizzju, allura l-gurisprudenza in bazi tad-duttrina wisq akkreditata, dejjem accettat li minflok issir kawza ohra, dak id-dritt li jkun mitlub fic-citazzjoni u li gie in ezistenza jew fl-ezercizzju tieghu waqt il-kawza, jista' jkun deciz f'dik l-istess kawza (**Carmelo Farrugia vs Michael Camenzuli et**, PA 28/02/2011).
>
> Il-Qorti tal-Appell kienet irrilevat illi:
> Huwa veru li bhala norma d-dritt u l-interess tal-attur u l-kapacita tieghu li jaghmel il-kawza ghandhom ikunu jezistu filwaqt li huwa jistitwixxi l-procediment; imma l-Qrati

> taghna bl-iskop li jevitaw molteplicita ta' kawzi u spejjez inutili rrikonoxxew u applikaw id-duttrina tal-jus superveniens quod firmat actionem vel exceptionem, anke meta xi drabi d-dritt jissopravjeni jew ostakolu procedurali jitnehha, waqt li l-kawza tkun gia fil-grad ta' appell (**George Zahra vs Carmelo Chircop**, PA 08/02/1960).

Din id-duttrina ta' *jus superveniens* intuzat mill-qrati taghna biex issalva dak li hu salvabbli, u din il-Qorti tara li, f'dan il-kaz, bit-thaddim tar-regola tal-*jus superveniens,* l-eccezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni titlef is-siwi taghha. Wara kollox l-istess Avukat Generali fin-nota tieghu wkoll qal li mhux ser jibqa' jinsisti fuq din l-eccezzjoni preliminari.

Kwindi din l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

**In-nuqqas ta' applikabbilita tal-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta**

Imiss ghalhekk li tigi trattata t-tieni eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali, dik fejn jinghad minnu li l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 mhux applikabbli ghall-azzjoni odjerna. Huwa jorbot din l-eccezzjoni ma' zewg binarji (a) dik fejn jinghad minnu li s-sentenza tal-Qorti Kriminali ma thassritx minn qorti munita b'gurisdizzjoni kriminali wara li giet murija l-innocenza ta' persuna u (b) il-Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ma sabet ebda lezjoni tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Jinhass opportun li l-ewwel jigi trattat dan it-tieni binarju li fuqha tissejjes it-tieni eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali, fejn jinghad li l-Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ma sabet ebda lezjoni tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Tajjeb li jigi mfakkar li din il-lezjoni vantata mir-rikorrenti ma kenitx tiffigura fit-talbiet originali tieghu quddiem din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha. Ghalkemm ir-rikorrent ghamel referenza ghal dan l-artikolu fl-istadju tal-appell kostituzzjonali, l-Qorti Kostituzzjonali kienet propensa li tistharreg din it-talba izda gie osservat li kien ikun aktar opportun li kieku r-rikorrent talab zieda fit-talbiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti. Dik il-Qorti waqfet milli tistharreg l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll ulterjorment semplicement peress li rriteniet li l-Artikolu 4A tal-Kap. 319, irid procedura ohra biex issir talba ghal kumpens, cioe dik quddiem din il-qorti fil-kompetenza ordinarja taghha proprju kif qieghed isir permezz tal-procedura odjerna.

Kwindi ma jaghmilx sens li ladarba giet adoperata l-procedura idoneja, li issa titwarrab, dan dejjem sakemm kif osservat l-istess Qorti Kostituzzjonali, jigu sodisfatti l-prekondizzjonijiet mehtiega sabiex ikun hemm lok li jithallas il-kumpens mitlub. Prekondizzjonijiet ghad iridu jigu mistharrga aktar 'il quddiem. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat li l-Qorti Kostituzzjonali ma sabet ebda lezjoni tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-raguni li l-Qorti Kostituzzjonali ma laqghetx l-aggravju ulterjuri mressaq mir-rikorrent fi stadju tal-appell, kienet purament ta' natura procedurali u mhux ghax dik il-qorti nvestiet is-sustanza tal-ilment.

Inoltre lanqas taqbel mal-argument tal-Avukat Generali fejn jinghad minnu li "t-*thaddim ta' dan l-artikolu huwa marbut u se mai jiskatta wara dikjarazzjoni ta' lezjoni tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea*." -Dan mhux biss peress li ma jinsabx rifless fit-test tal-ligi, talli filwaqt li lment dwar lezjoni tad-drittijiet fundamentali hija materja li taqa' fil-mansjoni ta' din il-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, decizjoni dwar kumpens taht l-Artikolu 4A tal-Konvenzjoni hija materja li taqa' fil-mansjoni ta' din il-qorti. Wara kollox kif rilevat mill-istess Qorti Kostituzzjonali l-Artikolu 4A jipprovdi:

> **4A.** (2) L-oghla kumpens li jithallas taht l-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghandu jkun ta' tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73). **Dak il-kumpens ghandu jigi stabbilit** permezz ta' ftehim bejn il-parti li tkun qed titlob dak il-kumpens jew jekk ma jkunx hemm ftehim bhal dak **mill-Qorti Civili, Prim'Awla, wara li jsir rikors minn min ikun qed jitlob il-kumpens u li ghandu jsir fi zmien sitt xhur mid-data meta s-sejbien ta' htija ta' dik il-persuna jkun gie rivertit jew minn meta dik il-persuna tkun inghatatilha mahfra**.
>
> (3) **Appell minn kif jigi stabbilit il-kumpens mill-Qorti Civili, Prim'Awla, ghandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell b'rikors li jigi pprezentat fi zmien ghoxrin gumata minn meta jinqata' r-rikors mill-Qorti Civili, Prim' Awla.**

Kien ghalhekk wara kollox li l-Qorti Kostituzzjonali waqfet milli tistharreg l-aggravju tar-rikorrent f'dan is-sens ulterjorment. Kwindi dan il-binarju ma hu ta' ebda soljev ghall-intimat.

Taht il-binarju l-iehor, l-intimat isostni li dan l-artikolu konvenzjonali japplika f'kaz li tigi rivertita l-htija li tkun instabet jew f'kaz ta' mahfra. Jigi argumentat minnu li f'dan

il-kaz la nghatat mahfra u lanqas giet rivertita s-sejbien ta' htija minn qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali, in kwantu dawn huma l-unici qrati muniti bil-funzjoni li jistabilixxu l-htija jew l-innocenza tal-akkuzat. Mentri f'dan il-kaz il-qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali, filwaqt li ma sabu ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, xorta wahda tawh rimedju in vista ta' fatti godda li sehhew wara li nghatat is-sentenza kriminali definittiva fil-konfront tar-rikorrent. Dan mhux fuq konsiderazzjoni li r-rikorrent kien innocenti izda fuq il-konsiderazzjoni li kien "*hemm zewg sentenzi, it-tnejn finali u t-tnejn res judicata, wahda kontra l-attur u l-ohra kontra bintu, li ma humiex kompatibbli ma' xulxin.*" Kwindi jargumenta li ladarba s-sejbien ta' htija ma kienx rivertit minn qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali, ma jistghax jigi nvokat l-Artikolu 4A tal-Kap. 319, bil-konsegwenza li dana l-artikolu huwa inapplikabbli ghall-vertenza odjerna.

Sabiex din il-Qorti tinvesti din l-eccezzjoni jehtieg illi jigi citat l-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll, li jitratta kumpens ghal sejbien ta' htija mhux kif imiss:

> Meta persuna tkun b'decizjoni finali nsabet hatja ta' reat kriminali u meta sussegwentement is-sejbien taghha ta' htija jkun gie rivertit, jew tkun inghatat il-mahfra, minhabba f'li xi fatt gdid jew li jkun ghadu kemm gie mikxuf ikun juri konkluzivament li kien hemm nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-qorti, il-persuna li tkun garrbet il-piena bhala rizultat ta' dak is-sejbien ta' htija ghandha tinghata kumpens skont il-ligi jew il-prattika tal-Istat inkwistjoni, kemm-il darba ma tingiebx prova li n-nuqqas ta' zvelar tal-fatt mhux konoxxut fil-hin ikun ghal kollox jew f'parti minnu attribwibbli ghal dik l-istess persuna."

Marbut sew ma' dan l-artikolu, hemm l-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-intimat isostni li mhux applikabbli fil-kaz in ezami, jkun xieraq li jigi mistharreg ukoll:

> (1) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 22 sa 25 (inkluzi) tar-Rapport Spjegattiv fuq is-Seba' Protokoll ghall-Konvenzjoni hawn migjub fit-Tielet Skeda ghandhom japplikaw ghall-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu u tal-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni*."*

Dwar l-applikabbilita tal-Artikolu 4A tal-Kap. 319 huwa ritenut mill-aktar relevanti l-paragrafu 23 tar-Rapport Spjegattiv, kif rizultanti mit-Tielet Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea:

> 23. Fit-tieni lok, l-artikolu japplika biss meta s-sejbien ta' htija ta' xi persuna jkun gie rivertit jew inkella dik il-persuna tkun inghatatilha l-mahfra, f'kull kaz minhabba li xi fatt gdid jew xi fatt li jkun ghadu kif gie mikxuf ikun juri b'mod konkluziv li kien hemm xi nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-qorti - jigifieri, xi nuqqas gravi fil-process gudizzjarju li kien jinvolvi xi pregudizzju gravi ghall-persuna li tkun insabet hatja. Ghaldaqstant, ma hemm ebda htiega taht l-artikolu li jithallas xi kumpens jekk dak

> is-sejbien ta' htija jkun gie rivertit jew tkun inghatat mahfra ghal xi raguni ohra. Lanqas mhu l-kaz li l-artikolu jipprova jistabbilixxi xi regoli dwar ix-xorta tal-procedura li ghandha tigi applikata sabiex jigi stabbilit li kien hemm xi nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-qorti. Din hija materja li ghandha tigi ttrattata skont il-ligi domestika jew mill-prattika tal-istat inkwistjoni. Il-kliem "jew inkella dik il-persuna tkun inghatatilha l-mahfra" gew inkluzi ghaliex taht xi sistemi legali l-mahfra, pjuttost minn procedimenti legali li jwasslu ghar-riverzjoni ta' sejbien ta' htija, tista' f'certi kazijiet tkun ir-rimedju adattat wara li jkun hemm decizjoni finali.

Il-kriterju mahsub taht il-paragrafu 23 fejn il-kwistjoni kollha ddur mal-uzu tal-kliem: *"**is-sejbien taghha ta' htija jkun gie rivertit, jew tkun inghatat il-mahfra…**".* M'hemmx dubju li l-kaz in ezami ma jitrattax mahfra. Izda filwaqt li huwa minnu li r-rikorrent ma regghax ghadda minn proceduri kriminali li lliberawh mill-akkuzi, mansjoni li taqa' strettament fil-gurisdizzjoni tal-qrati kriminali, l-artikolu in ezami jitkellem biss dwar "*sejbien taghha ta' htija jkun gie rivertit*". Huwa ritenut li meta din il-qorti fis-sede kostituzzjonali taghha ddecidiet li tinqeda bis-setghat moghtija lilha mill-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex hassret ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru, 2011, u kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-2 ta' Mejju, 2013, fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spett. Louise Calleja) vs Emanuel Camilleri,** b'din id-decizjoni is-sentenzi tal-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali gew iddikjarati nvalidi, kwindi l-effett taghhom ta' sejbien ta' htija spicca. Huwa ritenut li l-proceduri ta' kumpens kontemplati taht dan l-artikolu kif spjegati taht dan il-paragrafu, mhumiex marbuta *per se* mal-htiega li jsiru proceduri kriminali mill-gdid, wara kollox l-istess artikolu jikkontempla wkoll l-ghoti ta' "mahfra", li certament lanqas taqa' fil-mansjoni ta' qorti ta' kompetenza kriminali. Kwindi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali sa fejn jinghad minnu li ladarba s-sejbien ta' htija ma kienx rivertit minn qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali, mhuwiex applikabbli l-Artikolu 4A tal-Kap. 319, peress li jezistu cirkostanzi (bhal mahfra) fejn l-artikolu in ezami xorta jista' jigi applikat.

Jigi osservat ukoll li l-artikolu tal-ligi in ezami imkien ma jispecifika li s-sejbien ta' htija trid tkun giet necessarjament rivertita minn qorti b'gurisdizzjoni kriminali. Kwindi l-fatt li f'dan il-kaz kienet qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li hassret is-sejbien ta' htija tar-rikorrent, kif kien qabel deciz mill-qrati ta' kompetenza kriminali, m'ghandux jeskludi *a priori* l-applikabbilità ta' dan l-artikolu tal-ligi. Din il-qorti taqbel mas-

sottomissjoni tar-rikorrent sa fejn jinghad minnu li mkien fl-Artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jinghad li s-sentenza trid bilfors tithassar minn qorti munita b'gurisdizzjoni kriminali. Il-kriterju importanti huwa li s-sejbien ta' htija jkun rivertit bhal meta jkun hemm it-thassir ta' sentenza li ppronunzjat lill-individwu hati. Dan jinghad in omagg ghall-principju ta' interpretazzjoni legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit u ubi lex non distinguit, ne nos distinguere debemu.* – Ladarba l-ligi ma timponix din it-tip ta' restrizzjoni interpretattiva, l-argument tal-Avukat Generali ma jregix.

Kriterju iehor li jehtieg li jigi nvestit taht dan il-paragrafu huwa li l-bidla fis-sejbien ta' htija jew il-mahfra moghtija tkun ***minhabba f'li xi fatt gdid jew li jkun ghadu kemm gie mikxuf ikun juri konkluzivament li kien hemm nuqqas ta' gustizzja maghmula mill-qorti.*** Fil-kaz in ezami, gara li wara li gew konkluzi finalment il-proceduri fil-konfront tar-rikorrent li permezz taghhom instab hati u waqt li kien qieghed jiskonta l-piena, bint ir-rikorrent irritrattat ix-xhieda li kienet tat fil-konfront ta' missierha, li wasslet ghat-tehid ta' proceduri kriminali ta' spergur fil-konfront taghha, li wasslu ghal sentenza ohra finali, tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Lulju, 2015, din id-darba fil-konfront ta' bintu Leanne Camilleri, li nstabet hatja ta' whud mill-imputazzjonijiet, fosthom li tat xhieda falza kontra missierha Emanuel Camilleri u talli halfet il-falz quddiem imhallef, magistrat jew ufficjal iehor bis-setgha li jaghti gurament. Din is-sentenza ukoll tikkostitwixxi gudikat u kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha tad-9 ta' Ottubru, 2017:

> Li gara hu li hemm zewg sentenzi, it-tnejn finali u t-tnejn res iudicata, wahda kontra l-attur u l-ohra kontra bintu, li ma humiex kompatibbli ma' xulxin u ghalhekk l-ewwel qorti korrettement – ghax fl-interess tal-libert – hassret is-sentenza kontra l-attur u l-effetti ta' dik is-sentenza

Tabilhaqq l-ewwel Qorti fis-sede kostituzzjonali, minkejja li ma rriskontrat ebda ksur ta' drittijiet konvenzjonali, hasset li ma setghetx tinjora l-fatt li rrizulta wara li nghalaq il-process kriminali fil-konfront tar-rikorrent, u kkunsidrat li s-sentenzi kriminali li sabu lir-rikorrent hati, kienu nghataw fuq il-bazi ta' xhieda falza, u ghalhekk b'sens ta' gustizzja fil-konfront tar-rikorrent, ezercitat is-setghat taghha mahsuba fil-Konvenzjoni sabiex ipprovdiet rimedju, li r-rikorrent jieqaf milli jibqa' l-habs, iservi piena li nghatat mill-Qrati ta' kompetenza kriminali. Indubbjament ix-xhieda falza ta' bint ir-rikorrent stabbilita permezz ta' sentenza finali, tista' titqies bhala fatt gdid,

peress li rrizultat wara li r-rikorrent instab hati mill-qrati kriminali, u fil-proceduri kostituzzjonali wassal ghal sejbien ta' nuqqas ta' gustizzja fil-konfront tar-rikorrent li kienu jimmeritaw rimedju kostituzzjonali. Kwindi kunsidrat dan kollu, l-Qorti ssib li f'dan il-kaz il-kriterji mahsuba fil-paragrafu 23 huma milhuqa u kwindi l-Artikolu 4A tal-Kap. 319, sa fejn jitratta din l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali ghandu jitqies applikabbli.

Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-ezami tal-kriterji kollha rizultanti mill-paragrafi l-ohra msemmija taht l-Artikolu 4A tal-Kap. 319, li ndubbjament ghad iridu jigu ezaminati fi stadju ulterjuri meta jigi nvestit il-mertu tal-kawza odjerna.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Avukat Generali dwar l-intempestivita tal-azzjoni tar-rikorrent, u dwar l-inapplikabbilita tal-Artikolu 4A tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.
Bl-ispejjez ta' din is-sentenza preliminari jibqghu a kariku tal-intimat Avukat Generali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur